MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Numru 1003/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin J. Farrugia** **V**

**RODERICK COLEIRO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RODERICK COLEIRO** ta' ghoxrin sena bin Nicholas u Tessie nee Borg, imwieled Pieta nhar l-wiehed u tletin ta' Awissu 1983 u residenti Blkock 3, Housing Estate, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita numru 0458283M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sitta ta' Dicembru 2003 ghall-habta tas-saghtejn w ghoxrin ta' filghodu f'Hal Lija;

1. ikkommetta serq ta' stereo tal-marka Pioneer kif wkoll ta' pouch bi sbatax l-compact disc minn go vettura bin-numru ta' registrazzjoni JVN 581 ghad-dannu ta' Joseph Vella liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. talli xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indhal sabiex jbiegh jew jmexxi dawn l-oggetti;
3. talli kkommetta hsara voluntarja fuq vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni JVN 581 ghad-dannu ta' Joseph Vella liema hsara tammonta ghal inqas minn hames mitt lira maltin izda aktar minn hamsin lira maltin.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sebgha ta' Dicembru 2003, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fil-konfront tal-ewwel w it-tielet akkuza.

Semghet lil Prosekuzzjoni tghid li t-tieni akkuza inghatat minnha bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza principali ta' serq u li ma kellhix xhieda xi tressaq fuq tali akkuza.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-imputat stess, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-ewwel w it-tielet akkuza kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil imputat jiddikjara li huwa lest li jhallas l-ispejjes tal-hsarat minnu kagjonati.

Ikkunsidrat ai fini ta' piena s-segwenti:

1. Il-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti bhala dokument CSH 1, liema fedina penali hija ndellibbli bla ebda tebgha ta' reat jew konravenzjoni registrata fuqha;
2. L-istqarrija tal-imputat rilaxxjata minnu nhar s-sitta ta' Dicembru 2003 esibita fl-atti markata bhala

dokument CSH 2 minn fejn jirrizulta l-kolloborazzjoni tieghu mal-Pulizija Ezekuttiva;

3. Illi l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-imputat f'dawn il-proceduri gew inizjati a bazi tal-ammissjoni tieghu;

4. Il-ko-operazzjoni tal-imputat mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u sussegwentement tul il-proceduri l-Qorti u ghalhekk ma nhela ebda hin pressjuz tal-Qorti, u li ghalkemm ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem jew b'xi forma ta' dritt jew attendibilita ssarraf f'riduzzjoni fil-piena, ir-regolamenti generali jghidu li imputat ghandu jibbenefika minn skont fil-piena;

5. Il-fatt li d-danni kagjonati li jammontaw ghal tmienja w tletin lira sebgha w hamsin centezmu, kienu de minimis u diga gew imhallsa lid-derubat Joseph Vella;

6. Illi r-res furtiva konsistenti fi stereo CD player u compact discs gew moghtija lura lid-0derubat seduta stante nhar l-ghaxra ta' Dicembru 2003.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li dawn ic-cirkostanzi specjali fuq imsemmija kollha huma ragunijiet validi ghall-mitigazzjoni fil-piena fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti thoss li l-piena idoneja f'dawn c-cirkostanzi ghandha tkun wahda ta' prigunerija sospiza bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 261, 263, 267, 270, 271(g), 334, u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat RODERICK COLEIRO hati tal-ewwel w it-tielet akkuza kif dedotti kontra tieghu u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal perjodu ta' sentejn mill-lum ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma ssibux hati tat-tieni akkuza u tilliberah minnha.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------